Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 85/2018

Fil-kwistjoni tax-xogħol numru 3459 bejn

**Stephen Briffa (ID: 182579M)**
**(appellat)**

**Vs**

**Arkadia Marketing Ltd**
**(appellanti)**

25 ta' Frar, 2019.

1. **Dan huwa appell minn deċiżjoni fl-ismijiet premessi mogħtija mit-Tribunal Industrijali fis-17 ta' Lulju, 2018 bin-numru 2543, li permezz tagħha ġie deċiż li t-terminazzjoni tal-impieg tar-rikorrent kienet waħda nġusta u bi ksur tal-liġi u konsegwentement ġie ffissat kumpens favur ir-rikorrent fis-somma ta' €10,608.33.**

2. In sintesi, il-proċeduri fil-prim' istanza żvolġew kif ġej:

   2.1. Permezz ta' rikors ippreżentat quddiem it-Tribunal Industrijali fil-15 ta' April 2016, Stephen Briffa ippremetta li huwa kien impjegat *full time* mas-soċjetà intimata bħala '*store keeper*' għal tmien snin u sitt xhur iżda fis-26 ta' Jannar 2016 ġie nfurmat li l-impieg tiegħu kien qiegħed jiġi tterminat. Ilmenta li t-terminazzjoni tal-impieg tiegħu ma kinitx motivata minn raġunijiet tajba u biżżejjed skont il-liġi u għalhekk talab lit-Tribunal: (i) jiddikjara t-tkeċċija mill-impieg tiegħu minn mas-soċjetà intimata bħala waħda nġusta; u (ii) jagħti l-provvedimenti kollha opportuni a tenur tal-artikolu 81 tal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta, inkluż li s-soċjetà intimata tiġi ordnata taċċettaħ lura għax-xogħol u tħallsu kumpens ġust.

2.2. L-intimata wieġbet[1] illi r-rikorrent tkeċċa għal raġunijiet tajba u suffiċjenti skont il-liġi inkwantu kien instab li qed jaħli l-ħin u jiskarta d-doveri tiegħu waqt il-ħin tax-xogħol, u tenut kont ukoll tal-fatt li kien ġa ġie avżat formalment dwar inċidenti simili fil-passat. Tgħid li ġie pproċessat b' passi dixxiplinarji skont il-proċedura nterna u ngħata l-opportunità li jisma' l-akkuża u jiddefendi ruħu, iżda huwa kkonferma l-akkużi kontrih u ma talab ebda skuża.

2.3. B' sentenza mogħtija fis-17 ta' Lulju 2018, it-Tribunal Industrijali iddeċieda l-każ kif ġej:

> *'It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ghagir li nstiga t-tkeccija veru u proprju, gej mill-fatt li rrikorrent kien ilu snin impjegat u mhux facli toltera l-kuntratt ta' mpjegat b'tul ta' snin, u li gie rimpjantat b'impjegat/i b'hafna anqas snin mal-kumpanija. It-Tribunal huwa tal-fehma wkoll li minkejja x'hemm imnizzel fil-Manual, ma sar l-ebda process ta' dixxiplina san, meta wiehed jikkonsidra li minghajr ma gie avzat biex jipprepara ruhu sew jew itella' mieghu min jirrapprezentah, issejjah ghall-gharrieda u gie ipprezentat b'akkuzi bbazati fuq ezercizzju li hu evidenti li ma sarx fuq kulhadd izda kien intenzjonat li jikkonferma decizjoni li kienet diga ttiehdet. Dan it-Tribunal jemmen li l-ezercizzju li minnu nnifsu mhu serju xejn, sar biss biex ikun raguni ghala ghandhom jigu tterminati numru ta' mpjegati fosthom ir-rikorrent u ghaldaqstant il-process kien mill-bidu nett, process ivvizzjat. Bhal ma qal diversi drabi dan it-Tribunal, jerga' jtenni l-importanza ta' process serju ta' dixxiplina li kull impjegat ghandu dritt ghalih, aktar u aktar meta quddiem dan it-Tribunal irrizulta d-dedikazzjoni u tul ta' snin ta' servizz u lealta' lejn is-Socjeta' Ntimata mir-rikorrent. Ghaldaqstant dan it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi li t-Terminazzjoni kienet wahda ngusta u bi ksur tal-ligi. F'dan il-kuntest it-Tribunal jiffissa kumpens dovut lir-rikorrent fis-somma ta' ghaxar t'elef, sitt mija u tmin ewro u tlieta u tletin centezmu (€10,608.33), li ghandhom jithallsu fi zmien xahar mil-lum.'*

3. Minn din id-deċiżjoni appellat is-soċjetà intimata. L-aggravju prinċipali tagħha huwa li t-Tribunal ma ddeċidiex skont il-liġi in kwantu wasal għall-konklużjoni raġġunta abbażi ta' diversi kunsiderazzjonijiet li ma messux għamel in kwantu m' humiex sorretti mill-provi prodotti. '*Għall-kompletezza*', ilmentat ukoll mill-fatt li t-Tribunal ma ta ebda indikazzjoni għall-mod kif bih wasal għall-mod li bih wasal għas-somma ta' kumpens mogħti.

4. L-appellat da parti tiegħu wieġeb li l-appell tas-soċjetà appellanti mhuwiex ammissibbli għaliex jittanta jilmenta minn kwistjonijiet ta' fatt u mhux minn punt ta' liġi. Bla ħsara għal dan wieġeb li f' kull każ id-deċiżjoni appellata hija ġusta u jistħoqqilha konferma inkwantu hija bbażata fuq fatti ppruvati u

[1] Fol. 7.

formanti parti mill-atti proċesswali. Dwar il-kumpens mogħti rrefera għal dak stabbilit fl-artikolu 36(10) tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Kunsiderazzjonijiet.**

5. Għal dak li jirrigwarda l-limiti ta' appell lil din il-Qorti, issir referenza għal sentenza reċenti mogħtija minn din il-Qorti fl-ismijiet ***Marco Pisani vs The AV Warehouse*** mogħtija fil-11 ta' Frar 2019 fejn ingħad kif ġej:

> *'5. Għal dak li jirrigwarda l-limiti ta' appell lil din il-Qorti, l-artikolu 82(3) tal-Kap. 452 jipprovdi li:*
>
> > *'Fil-każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta u fil-każi li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal skont l-artikolu 75(1)(a) u (b), jkun hemm dritt ta' appell fuq punt ta' liġi ...'*
>
> *6. Fil-kawża fl-ismijiet **Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited**[2] din il-Qorti tenniet illi:*
>
> > *'Ovvjament kull każ irid jiġi deċiż skont iċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*
> >
> > *i. Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħażina;*
> > *ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandix tagħti lok għat-tkeċċija. **Sabiex jasal għal deċiżjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies iċ-ċirkostanzi tal-każ partikolari li jkun qiegħed jiddeċiedi u li jirriżultaw mill-provi.**'*
>
> *7. Hekk kif deċiż fil-każ **Mifsud Nathania Vs Sterling Jewellers**, deċiż minn din il-Qorti fit-12 ta' Diċembru 2016:*
>
> > ***' ... Filwaqt li kif ingħad, l-apprezzament tal-fatti mit-Tribunal per se jaqa' barra mill-kompetenza ta' din il-Qorti, hija pero' ghandha l-poter li tindaga jekk fl-isfond tal-provi kollha prodotti, it-Tribunal Industrijali rrispettax il-prinċipji magħrufa fil-liġi dwar tali kwistjoni kif interpretati u applikati mill-Qrati u ċioe' allura jekk saritx applikazzjoni korretta tal-punti ta' dritt għaċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ.'***
>
> *8. F' dan il-kuntest l-ġurisprudenza tgħallem ukoll li:*
>
> > *'jinsab statwit fis-subinċiż (3) tal-Artikolu 82 tal-Att XXII tal-2002 illi d-deċiżjonijiet tat-Tribunal Industrijali m'humiex appellabbli ħlief fuq punt ta' liġi. **Dan il-punt ta' liġi m'hemmx għalfejn ikun definit u deċiż fis-sentenza impunjata** għax, ..., l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kapitolu 452) dan ma jgħidux. **Hu suffiċjenti li l-punt ta' liġi li fuqu jsir l-appell jirriżulta nvolut jew impliċitu fid-deċiżjoni in kwantu d-***

[2] Deċiża fit-28 ta' April, 2017.

> ***deċiżjoni tkun ittieħdet bis-saħħa tal-prinċipju interpretattiv tal-liġi li l-appellant jikkontesta …***[3]

6. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw *mutatis mutandis* għall-każ odjern. L-appell in diżamina se jiġi għalhekk meqjus entro l-parametri surriferiti.

7. Permezz tal-aggravju prinċipali tagħha, l-appellanti tilmenta li t-Tribunal ma ddeċidiex skont il-liġi. Dan in kwantu fil-fehma tagħha t-Tribunal wasal għall-konklużjoni minnu raġġunta abbażi ta' diversi kunsiderazzjonijiet infondati, ossija, mill-provi minn imkien ma jirriżulta li:

   7.1.1. li l-appellat ġie mkeċċi għaliex hija riedet '*teħles*' minnu; u

   7.1.2. li l-eżerċizzju ta' dixxiplina li sar kien wieħed intenzjonat biex jikkonferma deċiżjoni li kienet diġà ttieħdet.

8. Mill-provi[4] jirriżulta li:

- fit-2 ta' Mejju 2007 ir-rikorrent daħal jaħdem bħala *full time stacker* għall-perjodu definit ta' sena, suġġett għal perjodu ta' *probation* ta' 6 xhur, versu salarju annwali ta' Lm3,300 (€7,686.93), hekk kif jirriżulta mill-kuntratt t' impieg relattiv.[5] Madanakollu l-appellat xehed li xogħlu dejjem kien ***storekeeper***[6] u fil-fatt l-appellanti stess indikat li dan kien xogħlu;[7]

- fl-2011 l-impieg tal-appellat sar indefinit;[8]

- l-*Assessment of Performance* annwali tal-appellant sas-sena 2014[9] kienet tajba/tajba ħafna;[10]

- minn *CCTV footage* eżaminat mill-appellanti rriżulta li l-appellat għamel użu mhux xieraq tal-ħin tal-kumpannija **b'total ta' 19.25 siegħa matul tlett ġimgħat fix-xhur ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016**;

---

[3] ***Abela Kevin Mark vs S&A Quality Assurance Surveyors Ltd***, Qorti tal-Appell, 11 ta' Jannar 2006.
[4] Skont il-verbal a fol. 201 il-partijiet qablu li l-provi tal-każ 3458/DP japplika ukoll għal dan il-każ.
[5] Fol. 13 – 18.
[6] Fol. 81.
[7] Fol. 55.
[8] Fol. 214 u 203.
[9] L-aħħar performance appraisal sar fit-13 ta' Marzu 2015 dwar il-*performance* tal-appellat fl-2004.
[10] Fol. 94 – 116.

- l-appellanti għalhekk bdiet proċeduri dixxiplinari kontrih u sar smiegħ ta' dixxiplina **fil-25 ta' Jannar 2016 fis-13:00**.[11] Wara li l-appellanti semgħet dak li kellu jwieġeb l-appellat fir-rigward, u wara li qieset ukoll li matul l-impieg kien diġa ngħata *warning* oħra hekk meta fl-10 ta' Awissu tal-2015 ġie mwissi bil-mitkub talli fl-20 ta' Lulju 2015 għamel użu mhux xieraq tal-ħin tal-kumpannija għal 24 minuta,[12] ġie infurmat li l-appellanti ddeċiediet li tittermina l-impieg tiegħu;[13]

- fl-istess ġurnata u għal raġunijiet simili, ġie tterminat ukoll l-impieg ta' impjegati oħra, ossija Brian Farrugia, *full time stacker,* Diane Galea, *full time cleaner,* u Victoria Saliba *full time stacker*;[14]

- permezz ta' email mibgħuta fil-25 ta' Jannar 2016 fis-16:04, l-*istores manager* Edric Sultana talab li tinħareġ *internal vacancy, inter alia,* għal post ta' żewġ *full time stackers Portomaso*. Ftit jiem qabel kien talab biss li tinħareġ *vacancy* għal kaxxiera *full* u *part time;*[15]

- b'ittra datata 26 ta' Jannar 2016 l-appellanti tterminat formalment l-impieg tal-appellant għal raġunijiet ta' dixxiplina;[16]

- fi Frar tal-2016, is-soċjetà appellanti mpjegat żewġ *full time stackers* oħra sabiex jaħdmu fl-istabbiliment tagħha f'*Portomaso*. **Skont email datata 26 ta' Frar 2016 l-appellanti għażlet ukoll *full time storekeeper, ċertu Reno Vella* li beda jaħdem fil-bidu ta' Marzu**.[17] Minn dik id-data sa Ġunju 2017 impjegat diversi *stackers* oħra, 8 *part time* u wieħed *full time,* kif ukoll *full time storekeeper* ieħor.[18]

9. Il-konsiderazzjonijiet li għamel it-Tribunal kienu s-segwenti:

> *'It-Tribunal ried jistabbilixxi jekk dak li allegatament sofra l-Appellant, it-tmiem ta' l-impieg, kienx ghal raguni gusta u valida skond il-ligi.*
>
> *Tenut kont ta' tmin fatturi migjuba bi provi waqt is-smiegh tal-kaz, cioe:*
>
> *Li r-rikorrent kien ilu impjegat mas-Socjeta' ghal tmin snin u tmien xhur;*

---

[11] Fol. 20.
[12] Fol. 20 – 21.
[13] Fol. 40.
[14] Fol. 86 tal-proċess 86/2018 fl-ismijiet ***Brian Farrugia vs Arkadia Marketing Ltd***.
[15] Fol. 66.
[16] Fol. 26.
[17] Fol. 64 u 190 – 193.
[18] Fol. 136.

*Li fl-assenza ta' kuntratt tax-xoghol il-haddiema jinghataw Manual kif ipprezentat lil dan it-Tribunal li jesigi fi klawsola 38 l-proceduri ta' dixxiplina huma: elenku ta' x'jista' jwassal ghal twissija verbali, twissija bil-miktub jew tkeccija ghal gross misconduct u x'inhu kkunsidrat gross misconduct;*

*Li l-appraisal form, sa l-aktar wahda ricenti qabel it-terminazzjini kienet wahda favorevoli ghar-rikorrent u mahruga mill-istess Socjeta';*

*Li huwa car mill-provi li l-process ta' dixxiplina kien nieqes minn kull sens ta' gustizzja ghar-rikorrent, u fejn ma nghatax cans adekwat jiddefendi lilu nnifsu;*

*Li l-ezercizzju li sar fuq ir-rikorrent u l-kumplament ta' shabu f'dik il-gurnata li wassal ghat-tmiem tal-impjieg, fil-fatt ma sarx fuq il-haddiema kollha, izda dan it-Tribunal huwa tal-fehma li fuq min sar kien minn qabel intenzjonat li jigi tterminat;*

*Li mill-provi migjuba ma jirrizultax li kien hemm ksur ta' xi regoli fissi, imma jidher li kien hemm ammont ta' flessibilita' kif u x'hin jittiehdu l-breaks, matul dawn t-tmin snin;*

*Li waqt dan l-istess bord ta' dixxiplina, kull min kien prezenti minn naha tal-Management ma jaqblux bejniethom dwar l-andament tas-seduta tal-bord, li jidher li hadet ftit hin, u ma jaqblux kif tmexxiet u kif fil-fatt ittiehdet id-decizjoni;*

*Li l-esponent dejjem ghamel xogholu bl-ahjar mod possibbli, fatt li mhux ikkontestat;'*

10. Skond il-manwal li kienu jingħataw l-impjegati, f'każ ta' dixxiplina *"... the employee will be given all possibilities to present arguments in his/her own defence"* (ara l-atti tal-każ 86/2018).

11. Mill-provi rriżulta li l-appellat ġie nfurmat li kien ser ikun hemm xi forma ta' proċeduri ta' dixxiplina dakinhar stess li saret il-laqgħa li fiha ttieħdet id-deċiżjoni li kellu jitkeċċa. Ovvjament ma kellux ħin għal dak li sab ma' wiċċu meta daħal għas-seduta. Jirriżulta li dakinhar stess kien diġa' tkellem ma wħud mill-kollegi tiegħu li kienu diġa għaddew mill-proċess u jidher li kien għamilha fatta li ser jitkeċċa. Il-qorti hekk biss tista' tispjega l-atteġġament tiegħu waqt dik is-seduta. Jidher li kien rassenjat li lilu ser jiġrilu l-istess.

12. Qabel is-smiegħ ma nħariġx avviż bil-miktub b'tagħrif dwar dak li kien qiegħed jiġi akkużat bih u wisq inqas ma ngħata żmien sabiex iwieġeb għall-akkuża qabel jippreżenta ruħu quddiem il-bord ta' dixxiplina. Dak m'huwiex il-mod kif għandhom jiġu trattati l-impjegati li fil-konfront tagħhom jittieħdu proċeduri ta' dixxiplina. Jekk jiġi deċiż li hemm każ ta' dixxiplina li għanu jwieġeb għalih impjegat, għandu jiġi avżat bil-miktub. Avviż li jkollu fih biżżejjed tagħrif dwar l-allegat aġir u l-konsewgenzi possibbli. B'dan il-mod l-impjegat ikollu ċans li jwieġeb b'mod adegwat u suffiċjenti waqt il-proċeduri ta' dixxiplina. Għandu

jgħarraf ukoll lill-impjegat li jista' jkun akkumpanjat minn xi ħadd ta' fiduċja tiegħu.

13. Hu ovvju li bil-mod kif tmexxa l-proċess ta' dixxiplina, l-appellat spiċċa *off guard* u addotta atteġġament negattiv. Il-qorti lanqas ma taqbel mal-fatt li Edric Sultana, li jidher li kien il-persuna li investiga l-kaz, kien jifforma parti mill-bord ta' dixxiplina. Min jinvestiga l-każ, idealment m'għandux ikun parti mill-bord ta' dixxiplina.

14. Il-każ kontra l-appellat kien bażat fuq CCTV *footage* li l-qorti fehmet li nġabar minn Edric Sultana u li minnu kkonkluda li fi tlett gimgħat l-appellat kien qatta' xejn inqas minn dsatax-il siegħa assenti, u dan mingħajr ebda awtorizazzjoni.

15. *CCTV footage* li l-appellat ma ngħatax kopja tiegħu u lanqas ma ġie ppreżentat fil-kors tal-proċeduri quddiem it-Tribunal. Dan ifisser li hemm biss il-kelma ta' Edric Sultana, li pero' m'hijiex l-aħjar prova u m'hemmx mezz li wieħed jikkontrolla l-eżerċizzju li għamel. Dan iktar u iktar meta tikkunsidra l-ħinijiet twal li jissemmew fid-dokument li ġie ppreżentat u li fil-konfront tal-appellant ikopru l-perjodu mill-14 sas-16 ta' Diċembru, 2015 u 26 sal-31 ta' Diċembru, 2015.

16. M'huwiex kredibbli li l-appellat kien ammetta li kien assenti għall-19.25 siegħa fuq perjodu ta' tlett ġimgħat, ġialadarba hu qatt ma raha is-CCTV *footage*. Hu probabbli li l-appellat beda jaqta' fil-qasir meta qalilhom biex imexxu, pero' l-fatt jibqa' li dawk il-proċeduri ġraw f'daqqa mingħajr pre-avviż u l-appellat kien jaf li dakinhar qablu kienu nstemgħu mpjegati li spiċċaw jirriżenjaw mill-impieg. Fil-fatt irriżulta li dakinhar stess kienu diġa deheru quddiem il-Bord Brian Farrugia, Diane Galea u Victoria Saliba li lkoll irriżenjaw mill-impieg.

17. Il-qorti żżid li dan m'huwiex każ fejn il-prinċipal ippreżenta l-aħjar prova tal-*misconduct* tal-impjegat. Jista' jkun li dik il-prova ġiet distrutta minħabba t-trapass ta' żmien. Jekk hu hekk, tort tal-prinċipal. Kien għalhekk essenzjali li l-affarijiet isiru sew sa mill-bidunett, b'mod li l-impjegat ikun jaf minn żmien qabel x'kienet l-akkuża u jingħata kopja tal-provi kollha li kien hemm kontrih. Hekk biss seta' jipprepara ruħu sew għall-proċeduri ta' dixxiplina u jiġi żgurat li, *"the employee will be given all possibilities to present arguments in his/her own defence"* (Team Member Manual ta' Arkadia). Hu veru li fir-rapport li ppreżentat l-appellanti jingħad li, *"g. During the discussion he was offered to see the evidence of such idle time on 3 occasions and he kept refusing"*. Il-qorti tifhem li l-impjegat kien għamilha fatta li l-prinċipal kien diġa ħa d-

deċiżjoni li jkeċċieh. Il-qorti m'għandhiex dubju wkoll li kieku aċċetta li jara l-*footage*, ma kienx umanament possibbli li jara dak il-*footage* kollu f'darba

18. Ġialadarba l-prova reġina ma ġietx preżentata u meħud in konsiderazzjoni l-mod xejn serju kif saru l-proċeduri ta' dixxiplina, il-qorti ma tistax tikkonkludi li l-prinċipal ta prova sodisfaċenti li kien hemm *a good and sufficient cause* għat-tkeċċija tal-appellat. Għaldaqstant, l-appell tal-appellanti m'għandux bażi fil-meritu.

19. Aggravju ieħor hu dwar il-kumpens li t-Tribunal Industrijali kkundanna lill-appellanti tħallas lill-appellat. Is-somma hi ta' għaxart elef sitt mija u tmien ewro (€10,608.33) li hu evidenti li l-Bord wasa għaliha *arbitrio boni viri* in kwantu t-Tribunal ma spjegax kif wasal għaliha

20. L-appellat kellu salarju ta' Lm3,300 (€7,686) fis-sena, ċjoe' €147.83 fil-ġimgħa. Mill-*employment history* tiegħu jirriżulta li wara li tkeċċa mill-appellanti, sat-18 ta' Mejju, 2018 ma kienx reġistrat li kellu impieg ieħor. M'hemmx tagħrif dwar x'għamel sabiex jipprova jerġa jsib xogħol u għalfejn sa iktar minn sentejn wara kien għadu m'huwiex reġistrat bħala impjegat. Dan iktar u iktar meta tqies li għandu 40 sena, li m'hijiex eta' li għandha twassal għal tfixkil biex wieħed isib xogħol alternattiv. Pero' wieħed irid iqies ukoll li l-*employment history* tal-appellat juri li l-impieg tiegħu kien ġie tterminat minħabba *'disciplinary reasons'*. Meta tqies dawn iċ-ċirkostanzi kollha l-qorti tikkonkludi li s-somma li llikwida t-Tribunal m'hijiex eċċessiva li timmerita reviżjoni.

**Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-appellanti.**

Anthony Ellul.